MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 190/2009

Kawza fil-lista: 15

**W Q**
**vs**
**Y *sive* H Q**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ppremetta illi l-partijiet izzewwgu fit-12 ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u disgha u tmenin (1989),u li minn dan iz-zwieg, il-kontendenti kellhom zewgt itfal ; illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta ; illi l-

kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-attur qed jitlob lil din l-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ; bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta fejn eccepiet li l-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u illi iz-zwieg li sehh bejn il-kontendenti fit-12 ta’ Awwissu 1989 mhux null stante li mhux minnu li dan kien b’xi mod vizzjat u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet il-partijiet jiddoponu ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qieghed jitlob minn din il-Qorti dikkjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-artikoli fuq imsemmija.

Il-konvenuta qed topponi ghal din it-talba.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-12 ta’ Awwissu 1989 meta kienu ilhom jafu lil xulxin hames snin. Bdew relazzjoni meta l-attur kellu 15 u l-konvenuta kellha 18 il-sena ;  in-namur kien wiehed *off and on* u kien ta’ spiss ikollhom relazzjoni sesswali flimkien.

Minn dan iz-zwieg f’temp ta’ tlett snin twieldu zewgt-ittfal.

Illi wara hames snin fiz-zwieg (1994) l-attur beda relazzjoni ma' mara li kellha 20 sena u li iltaqa maghha fuq fil-post fejn kien jahdem ; wara seba xhur, il-konvenuta skopriet din ir-relazzjoni u minnufih talbet is-separazzjoni. L-attur telaq mid-dar matrimonjali u mar u baqa joqoghod ma' din il-mara u kellu zewgt –ittfal.

*Verzjoni attur*
L-attur jiddiskrivi lilu nnifsu bhala *'bniedem li jhobb il-hrug, il-hbieb u x-xalar……..Il-hbieb, jiena dejjem poggejthom l-ewwel fuq il-lista, u tajjeb jew hazin dejjem kienu ta' influenza fuqi u fuq id-decizjonijiet tieghi.'* (folio 14).

Jistqarr li minn eta zghira kien beda jesperimenta man-nisa u jkollu x'jaqsam maghhom sesswalment. Kien ihossu migbud lejn il-konvenuta specjalment fis-sess. Jghid li ma kellux intenzjonijiet serji fir-relazzjonijiet, kuntrarju ghall-konvenuta li dejjem xtaqet tissetilja u tizzewweg. Missieru sablu post biex jikrieh bhala dar matrimonjali u hu accetta li jiehdu; *'d-decizjoni taz-zwieg hadditha l-konvenuta.',* u hu accetta u baqa miexi mar-rih minkejja li kien ihoss li iz-zwieg ma kienx ghalih ghax kien mohhu fix-xalar.

Jghid li hu kien ipprova jaqta' r-relazzjoni erba darbiet u ma irnexxielux '*Kont mort lura maghha bl-isperanza illi bejnietna l-affarijiet jitrangaw. Pero' f'qalbi kont naf illi ma kontx inhobbha u r-relazzjoni taghna kienet minghajr ebda pedamenti sodi'* (folio 16)

Hames xhur qabel iz-zwieg kellu incident u l-konvenuta dahret bih u ghalkemm saret taf li kellu habiba li kien johrog maghha qabel iz-zwieg xorta dahlet ghaz-zwieg. Kien beza jhassar iz-zwieg ghalkemm il-habiba li kellu kienet qratlu xortih u qaltlu li z-zwieg ma jghoddx ghalih u li kien ser ikollu incident. Jghid li ghamel zball u li kien *'immatur u minghajr ebda foresight'* (folio 18) Jghid ukoll li anke fil-honeymoon kien hareg fil-ghaxija bil-lejl u l-konvenuta ma ndunat b'xejn.

L-attur jiddiskrivi il-bidu tal-hajja konjugali bhala qiehed li *'kien ghaddej mhux hazin, ghalkemm ma nistax nghid li*

*kont kuntent bil-hajja ma' H.'* (folio 19) Jghid li kien kuntent meta twieldet l-ewwel tifla, pero maz-zmien beda jirrealizza li ma kienx ihobb lil konvenuta. Giet it-tieni tarbija u jistqarr li ghalkemm kien ipprova jirranga l-istil tal-hajja tieghu ma rrnexxielux. Beda jkollu anke problemi finanzjarji u biex jahrab mis-sitwazzjoni kien jiehu l-opportunita u jsiefer meta tigi l-okkazjoni. Sab xoghol bil-lejl bhala *bouncer* u b'hekk sab l-opportunita biex ikun aktar boghod mid-dar. Kien johrog ma hafna nisa li kien jiltaqa maghhom fuq ix-xoghol *'mhux l-ewwel darba li lanqas biss irqadt id-dar.'*

Fil-1994 beda relazzjoni ma' mara ohra u, 9 xhur wara, abbanduna id-dar matrimonjali u mar joqoghod ma din il-mara. Rabba l-ghaqal u ma harrisx lejn mara ohra f'dan iz-zmien ta' 15 il-sena.*'immaturajt u dhalt fi stil ta' hajja differenti u ta' ragel responsabbli.'* (folio 20)

*Verzjoni tal-konvenuta*
Tikkonferma li l-attur insista li jibqa jmur il-karate ; tichad li semghet lill-attur jghid certu diskors meta kien l ITU pero isostni li ghaddew 22 sena u ma tiftakarx.

Il-konvenuta tghid li kellhom relazzjoni tajba kemm qabel u kemm wara iz-zwieg.*'Ghalija kien zwieg perfett'*. (folio 89) L-inkwiet beda meta l-attur beda jahdem Paceville u beda jaghmillha ma certu hbieb *imbaghad beda jfalli l-hanut, beda jaqbad certu kumpaniji hziena li bdew ibeduh mill-familja, ………kellu l-business u dak iz-zmien kienet il-habta li saret it-tibdila tal-VAT u beda jghid qed ifalli l-hanut. Kien hemm persuna li bdiet iggennu biex jitla ; jahdem Paceville, jiena ma qbiltx maghha.'* .u dan kien fi zmien tat-tieni wild.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu meta l-attur kellu 21 sena u l-konvenuta kellha 24 sena wara li kienu ilhom jafu lil xulxin 5 snin. Kien ikollhom relazzjonijiet intimi fl-gherusija imma kienu joqoghdu attenti.

Fl-ewwel tlett snin twieldu zewgt-it tfal u kienu kuntenti bihom.

Minn eta zghira (17/18 il sena) l-attur kien responsabbli ghall-hanut li kien fetahlu missieru ; kien ukoll kien accetta is-suggeriment ta' missieru li jikri post bhala dar matrimonjali. Il-volonta tieghu li jizzewwegg tohrog mid-dikjarrazzjoni tieghu stess : *'Minkejja li kont naf li diehel ghaz-zwieg kontra qalbi u fuq sieq wahda,, bqajt ghaddej bil-pjanijiet minghajr ma qaghdt nahseb fil-konsegwenzi.'* (folio 21)

L-attur jghid li dahal ghaz-zwieg jaqlibha lil konvenuta u kompla jaqlibilha wara iz-zwieg. *'bazikament bqajt single matul il-hajja mizzewwga tieghi.'* L-attur jiddikjara li kellu relazzjoni qabel iz-zwieg meta kien gharus mal-konvenuta u din ir-relazzjoni baqghet sejra sa sena u nofs wara z-zwieg ; (folio 39) pero ix-xhud li giet prodotta mill-attur biex tiverifika dan il-fatt cahdet; qalet li kienet tafu bhala habib u kienet Sardenia meta kien izzewweg fil 1989 – *'qed jinfamani li kont nohrog mieghu…….bhala tal-karate konna nohorgu flimkien…..ahna konna nittrenjaw fin-91……le mhuwiex minnu.'* (folio 79) Xhud iehor li kien prodott mill-attur cahhad li qatt ra lill-attur fil-kamra tas-sodda ma' xi hadd u lill attur kien jafu wara li izzewweg – li kien jaf kien jafu minnghand hadiehor.

L-attur kien jikkunsidra ruhu mizzewweg fil-fatt kien ammetta mal-habiba li iltaqa maghha hames snin wara li zzewweg, li kien mizzewweg pero qallilha li kien imdejjaq fir-relazzjoni.

Il-fatt li l-attur kera id-dar matrimonjali u ipprepara ghaz-zwieg turi l-intenzjoni tieghu. Kien ihares lejn iz-zwieg tieghu bhala wiehed validu u jiddiskrivi il-bidu tal-hajja konjugali bhala wiehed li *'kien ghaddej mhux hazin, ghalkemm ma nistax nghid li kont kuntent bil-hajja ma' H.'* (folio 19)
Relazzjonijiet qabel jew wara iz-zwieg mhumiex indikazzjoni ta' kunsens matrimonjali vizzjat – ifarrku zwieg validu imma ma jinvalidawx zwieg.

Il-fatt li l-attur jistqarr li baqa' sejjer biz-zwieg ghalkemm hass li kien kontra qalbu jindika l-volonta pozittiva tieghu -

kien jaf x'hinu jaghmel, ghazel li jizzewweg liberament minghajr hadd ma sfurzah, kien konxju ta' x'hinu ghaddej minnu u kien irrid jizzewweg ghax '*kien jaf illi l-konvenuta kienet thobbu hafna u ma riedx iweggaghha'* (folio 101).

Il-Qorti hija tal-fehema li, ghandhiex taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attur biex jittanta juri lil din il-Qorti li hu ma riedx jizzewweg lill-konvenuta, u ma kienx kapaci ghall-hajja konjugali. Il-Qorti temmen li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet riedu jizzewwgu biex jghixu flimkien u jkollhom it-tfal.  Di fatt huma ghandhom tlett-it tfal minn dan iz-zwieg.  Inoltre, ma giex pruvat li l-attur kien ibati minn xi *'personality disorder'* jew xi kundizzjoni mentali li tikkwalifika bhala difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju meta huwa ezercita l-fakolta tieghu biex ghamel l-ghazla tieghu li jizzewweg.  .

Il-Qorti tosserva li l-veru kawza tat-tkissir taz-zwieg kien l-adulterju da parti ta' l-attur wara hames snin fil-konvivenza;  u mhux ghax iz-zwieg kien b'xi mod null.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------